29 ta' April, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Vincenzo Farrugia et. *versus* Carmelo Farrugia**

**Eredità — Liċitazzjoni — Diviżjoni — Likwidazzjoni.**

*Oġġett singolu li jifforma parti minn assi ereditarju li għadu indiviż ma jistax jinġieb f'liċitazzjoni qabel ma ssir il-likwidazzjoni u qasma ta' dak il-patrimonju ereditarju.*

L-atturi fit-taħrika qalu li huma jippossjedu in komune mal-konvenut, fil-proporzjoni ta' ħdax-il parti minn tnax-il parti huma bejniethom, u parti minn tnax il-konvenut, l-avvjament u dritt ta' inkwilinat tal-ħanut li jinsab il-Belt Valletta, Lesse Hill, numru 31, flimkien mal-mobilja indikata fil-kuntratt ta' ċessjoni fuq imsemmi, bil-liċenzi relativi għar-restaurant u għall-bejgħ tal-kafè; u li huma ma jridux jibqgħu aktar in komune mal-konvenut, u d-drittijiet fuq imsemmija ma humiex diviżibili; u talbu li, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, għar-raġunijiet fuq imsemmija tiġi ordnata l-liċitazzjoni ta' l-avvjament u dritt ta' inkwilinat tal-ħanut fuq imsemmi, bil-mobilja u liċenzi relativi fuq imsemmija bejn il-kontendenti, u mingħajr l-ammissjoni ta' oblaturi estranei. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Mill-verbal tal-lum irriżulta li tabilħaqq l-azjenda in kwistjoni tifforma parti minn patrimonju ereditarju li għadu indiviż, u l-atturi, li għad-dritt li kisbu fuq dik l-azjenda libsu l-libsa tal-werrieet, ma jistgħux jeżerċitaw dritt ta' diviżjoni fuq oġġett singolu minn patrimonju ereditarju indiviż qabel il-likwidazzjoni u qasma. Infatti fil-likwidazzjoni u diviżjoni dak l-oġġett jista' ma jmissx lill-awtur tagħhom. Għaldaqstant it-talba hija intempestiva;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, u teħles lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.